MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2015

Numru 185/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Michelina Enriquez**

**Jamie Charles Enriquez**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Michelina Enriquez, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 53851G u Jamie Charles Enriquez detentur tal-karta tal-identita bin-numru 350695M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Nhar it-28 Jannar, 2011, u xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe talli gewwa l-

Gozo Specialities, Eden Court, San Lawrenz, Ghawdex, bhala tnejn mill-propjetarji tal-fond Gozo Specialities:

1. Għamlu uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegħ merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema;

2. Waħħlu fuq merkanzija deskrizzjoni kummerejali falza, jigifieri, waħħlu iffalsifikata jew imbiddla, cifra, kelma jew marka illi skont l-uzu tal-kummerc tiswa biex turi l-lok jew pajjiz li fih il-merkanzija giet maħduma jew prodotta, u l-mod li bih il-merkanzija giet maħduma jew prodotta;

3. Immanifatturaw, kellhom fil-pussess taghhom jew bieghu ghasel ippakkjat minn qabel (Malta Honey) kif imfisser fl-Ewwel Skeda tar-Regolamenti tal-2004 tal-Ghasel, li ma kienx jikkonforma mal-htigijiet kif imnizzlin fit-Tieni Skeda tal-istess Regolamenti billi ma kelliex il-kriterji ta’ komposizzjoni tal-ghasel billi l-livell ta’ diastase kien inqas minn dak permess, billi l-konduttivita` tal-elettriku kienet f’livell aktar minn dak permess, kif ukoll billi l-livell ta’ HMF, il-kontenut ta’ fruttozju u glukozju kien inqas minn dak permess u l-livell ta’ sakkarozju kien f’livell aktar minn dak permess;

4. Bieghu jew kellhom fil-pussess taghhom ikel (Malta Honey) li ma kienx tax-xorta, sustanza jew kwalita` ta’ ikel kif mitlub mix-xerrej;

5. Bieghu jew kellhom fil-pussess taghhom ippakkjat minn qabel (Malta Honey) li kien iqarraq lix-xerrej dwar innatura, il-proprjetajiet u l-komposizzjoni tieghu.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ April, 2014, li permezz taghha:

Fir-rigward tal-imputata Michelina Enriquez, ma sabithiex hatja tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u b’hekk illiberatha minnhom u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-24 ta’ Awwissu 2012 b’mod partikolari Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 17(1), 17(2), 17(3) tal-Kapitolu 449 tal-Ligijiet ta’ Malta, Regolament 3 tal-Avviz Legali 213 tal-2004, u Regolament 4.1 tal-Avviz Legali 483 tal-2004 sabet lill-imputata Michelina Enriquez hatja tat-tielet (3), tar-raba’ (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ikkundannata multa ta’ seba’ mitt Euro (€ 700.00);

Fir-rigward tal-imputat Jamie Charles Enriquez, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-24 ta’ Awwissu 2012 b’mod partikolari Artikoli 17(h), 18, 298(1)(c), 298(1)(e), 298(2)

tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 17(1), 17(2), 17(3) tal-Kapitolu 449 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 3 tal-Avviz Legali 213 tal-2004, u Regolament 4.1 tal-Avviz Legali 483 tal-2004 sabet lill-imputat Jamie Charles Enriquez hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sena; spjegatlu l-import tas-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

Bis-sahha tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 449 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti elevati u ezebiti f'dawn il-proceduri.

Fl-ahharnett, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ikkundannat lill-imputati sabiex in solidum bejniethom sa zmien xahar millum ihallsu s-somma ta' tlitt mija u tmienja u tletin Euro u sittin centezmu (€ 338.60) liema somma tirraprezenta nofs l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert Dr. Everaldo Attard (a fol. 54).5

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-imputati Michelina Enriquez u Jamie Charles Enriquez pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' April, 2014, li permezz tieghu l-appellanti talbu lil din il-Qorti:

Tirriforma s-sentenza fuq imsemmija billi:

a. Tikkonfermaha fejn dik is-sentenza illiberat lill-esponenti Michelina Enriquez mill-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha;

b. Tirrevokaha u tħassarha fil-kumplament billi minflok tillibera liż-żewġ esponenti minn kull imputazzjoni u ħtija;

c. In linja sussidjarja, tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tillibera lill-esponenti Michelina Enriquez minn kull imputazzjoni u ħtija dedotta kontra tagħha, filwaqt li tillibera lill-appellant Jamie Charles Enriquez mit-tieni akkuża dedotta kontra tiegħu, u konsegwentement tapplika fil-konfront tiegħu piena iktar miti minn dik applikata mill-ewwel Qorti u li tkun tirrifletti l-fatt li l-appellant Jamie Charles Enriquez ġie illiberat minn waħda mill-iktar żewġ akkużi gravi dedotti kontra tiegħu.

**4.** Rat l-atti tal-kawża inklużi l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti fil-qosor in kwantu relevanti ghall-finijiet ta‘ dan l-appell huma s-segwenti.

**6.** Id-Dipartiment tal-Agrikoltura sarulu ilmenti illi kien qiegħed jinbieħ xi għasel li ma kienx ta’ Malta u li iżda kien qiegħed jiġi ppakkjat fil-vażetti bit-tikketti ta’ Malta. Għalhekk fit-28 ta’ Jannar 2011 telgħu Għawdex żewġ uffiċjali tad-Dipartiment, Emanuel Buhagiar u Philip Camilleri, biex jispezzjonaw u jaraw x’kien qiegħed jiġri. Hemmhekk, flimkien ma xi pulizija, marru fost postijiet oħra f’post jismu Barlovento, fi Triq it-Torri, San Lawrenz fejn fetħitilhom l-appellanti Michelina Enriquez, omm l-imputat u Simon Enriquez[1] u daħħlithom ġewwa fejn ħadu xi ritratti u żewġ vażetti li kien l-għasel li  kien ġie indikat lilhom bħala l-materjal li kien qiegħed jinbiegħ fis-suq[2]. Wara ż-żewġ uffiċjali msemmija marru f’sotterran jew garaxx taħt il-bini bl-isem Eden Court, Triq San Lawrenz[3] li hi r-residenza tal-imputat[4] u kien ilu joqghod hemm xi sitt snin[5]. Hemmhekk fetħilhom l-appellant Jamie Enriquez, ħu Simon Enriquez[6]. Fil-garaxx osservaw li kien qiegħed isir xogħol ta’ ppakkjar u ttieħdu ritratti ta’ dak li sabu. Raw stores mimlijin b’vażetti u bramel li kien fihom xi likwidu u kien hemm xi żejt qiegħed jiġi ppakkjat fi fliexken apparti wkoll affarijiet oħra li kienu qed jiġu ppakkjati bit-tikketta “Gozo Specialities” li huwa l-isem tan-negozju mmexxi mill-imputat u ħuh Simon Enriquez[7].

**7.** Mis-sotterran imsemmi l-uffiċjali tad-dipartiment ħadu barmil li kien fih  xi likwidu u kellu għatu b’isem l-imputat fuqu u kien jindika wkoll minn fejn

---

1 Depożizzjoni imputat fol. 164
2 Fol. 80
3 Depożizzjoni Emanuel Buhagiar, fol. 79 *et seq.*  u dik ta’ Philip Camilleri fol. 124 *et seq.*
4 fol. 164
5 *ibid*
6 Depożizzjoni Philip Camilleri fol. 125
7 Rapport Dok. EB1 fol. 83; depożizzjoni imputat fol. 165.

qed jimporta l-materjal u kellu fuqu isem Simon Enriquez, ħu l-imputat[8] li l-istess Enriquez kien qiegħed isejjaħlu għasel u jippakkjah ġol važetti. Ħadu wkoll tlett tikketti, tnejn minnhom bil-kliem "Malta Honey" u "Packed by Gozo Specialities, "Eden Court", St. Lawrence Street, St. Lawrence, Gozo" stampat fuqhom, waqt li t-tielet tikketta fiha l-kliem "Prickle Pear Jam Gozo Speciality" u l-istess indirizz fuq indikat[9].

**8.** Iż-żewġ važetti mimlijin bl-għasel li kienu ġew elevati mill-fond Barvolento, il-barmil u tlett tikketti, elevati mis-sotteran taħt il-fond Eden Court, ġew eventwalment sottomessi lil Dr. Everaldo Attard, spiżjar u speċjalista fil-kimika agrarja, espert nominat mill-Maġistrat Inkwirenti, għall-analisi. Wara l-analisi li għamel Dr. Everaldo Attard sab li l-materjal li kien hemm fil-važetti kien identiku għall-materjal li kien hemm fil-barmil u stabilixxa li dan il-materjal ma kienx għasel ta' oriġini Maltija.

**9.** L-aggravji tal-appellanti huma fil-qosor is-segwenti:

1. Fl-ewwel lok, l-eżami li sar fiż-żewġ fondi, u l-eżami sussegwenti fuq il-kampjuni li ttieħdu mingħand l-l-appellanti ma sarux b'mod konformi mad-dettami tal-Avviż Legali 265/2002, S.L. 449.32, li huma applikabbli wkoll għat-teħid ta' kampjuni tal-għasel u dan iwassal għan-nullità radikali u insanabbli tal-proċedura kollha ta' eżami ta' dawn il-kampjuni, b'mod u manjiera li kull riżultat ta' dawk l-eżamijiet ma jistax jikkostitwixxi prova kontra l-appellanti.

2. Fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mument li ttieħdu l-kampjuni mingħand l-appellanti, ħadd mill-ispetturi ma tahom xi avviż jew twissija jew infurmawhom bid-dritt tagħhom li jitolbu li jingħatalhom kopja tal-kampjun li ttieħed mingħandhom bil-konsegwenza li l-appellanti tqiegħdu fl-impossibbiltà assoluta li jikkontrollaw li l-eżami kien effettivament qiegħed isir fuq l-istess kampjun li ttieħed mingħandhom, jew wieħed identiku għal dak li ittieħed mingħandhom, u

[8] Fol. 81 u ara ritratt a fol 101
[9] Dok. EB2 sa EB4 fol. 119

anki dan in-nuqqas minnu nnifsu jwassal għal nullità fil-proċeduri u proċedimenti kontra tagħhom.

3. Fit-tielet lok, darba li fil-każ tal-kampjun li ttieħed mingħand l-appellanti ma ġietx segwita l-proċedura neċessarja sabiex jiġi aċċertat li dak il-kampjun ma jiġix imbagħbas jew mittiefes tant li l-kampjuni ma ġewx issiġġillati u baqgħu a libera dispożizzjoni tal-uffiċjali awtorizzati sakemm dawn għoġobhom jgħadduhom lill-espert innominat sussegwentement mill-Qorti Inkwirenti.

4. Fir-raba' lok, il-kampjun ittieħed minn barmil miftuħ u espost għall-elementi, li l-kontenut tiegħu kien diġà ġie prattikament eżawrit meta l-ispetturi setgħu u kien imisshom jieħdu kampjun minn fliexken jew bramel li għadhom mhux miftuħin jew kienu ppakkettati jew ittikkettjati għall-bejgħ jew għall-konsum.

5. Fil-ħames lok, il-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib prova li t-testijiet li wettaq Dr. Everardo Attard fuq il-kampjuni kkonsenjati lilu kienu konformi mad-dettami riżultanti mir-Regolament numru 5 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 449.38.

6. Fis-sitt lok, u interament mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, bħala fatt ma huwiex korrett jingħad li l-appellanti qatt biegħu jew kellhom fil-pussess tagħhom għasel b'indikazzjonijiet foloz jew qarrieqa.

7. Fis-seba' lok, u dejjem mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, it-tieni akkuża dedotta fil-konfront tal-appellanti ma tissussistix fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ;

8. Fit-tmien u l-aħħar lok iċ-ċirkustanzi li taħthom l-appellanti Michelina Enriquez kellha l-pussess tal-għasel ma humiex tali li jiġġustifikaw xi ħtija fiha.

**Ikkunsidrat**

**10.** L-ewwel aggravju tal-appellant isostni li l-proċess kollu li sar sabiex jittieħdu l-kampjuni għall-analisi li fuq ir-riżultat tiegħu tistrieħ primarjament is-sejbien ta' ħtija tal-imputati ma jikkonformax ma' dak dettat mir-regolamenti tal-Avviż Legali 265/2002, S.L. 449.32 bil-

konsegwenza li l-istess riżultati huma radikalment vizzjati u ma jistgħux iservu ta' prova kontra taghhom.

**11.** Effettivament is-sejbien ta' ħtija tal-imputati tistrih primarjament fuq ir-riżultat tal-analisi tal-kampjuni tal-materjal elevat mill-fondi Barvolento, fi Triq it-Torri, San Lawrenz, Għawdex u dak ta' Eden Court, Triq San Lawrenz, San Lawrenz, Għawdex b'tali mod li jekk l-istess riżultat analitiku jiġi skartat l-imputati ma jkunux jistgħu jiġu ritenuti responsabbli tar-reati li tagħhom instabu ħatja l-imputati mill-ewwel Qorti.

**12.** Ir-regolamenti li għalihom jirrreferu l-imputati fl-aggravju tagħhom huma r-Regolamenti dwar Proċedura dwar it-Teħid ta' Kampjuni fis-Sigurtá fl-Ikel (A.L. 265/2002) li skont ir-regolament 2 tagħhom japplikaw għal kull ikel, sors ta' ikel, ikel gdid u addittivi kif imfissra fl-Att dwar is-Sigurtá fl-Ikel. Skont l-artikolu 2 tal-Att imsemmi "ikel" tfisser kull sustanza jew prodott kemm jekk ipproċessati, ipproċessati parzjalment jew mhux ipproċessati, li huma maħsuba, jew raġonevolment mistennija li jigu inġeriti mill-bnedmin. Ma jidhirx li għandu jkun hemm xi dubbju li l-għasel jikkwalifika bħala ikel għall-finijiet tal-Att u di fatti ħadd mill-partijiet ma qajjem xi kwistjoni fuq hekk. Ir-regolamenti tal-A.L. 265/2002 għalhekk kjarament japplikaw għal kampjuni ta' għasel li jittieħdu għall-finijiet tal-Att dwar is-Sigurtá fl-Ikel.

**13.** Ir-regolamenti msemmija jipprovdu ħtiġijiet li jridu jiġu segwiti fit-teħid ta' kampjuni għall-analisi sabiex tiġi żgurata l-konformitá ma kull disposizzjoni ta' l-Att imsemmi u tar-regolamenti kollha magħmulin taħtu[10].

**14.** L-artikolu 24 tal-Att imsemmi jipprovdi l-operazzjonijiet li minnhom għandu jkun magħmul il-kontroll tal-ikel taħt l-Att u dawn jinkludu

[10] Ara tifsira ta' "analisi" skont ir-regolament 3 tal-A.L. 265/2002

spezzjonijiet ta' postitijiet tal-ikel u t-teħid ta' kampjuni u analiżi ta' ikel u, jew sorsi ta' ikel. L-artikolu 25 imbgħad jipprovdi għall-ħwejjeġ li huma suġġetti għall-ispezzjoni u jipprovdi li tali spezzjonijiet għandhom isiru minn "uffiċjal awtorizzat fl-infurzar u fl-esekuzzjoni" tal-Att. Skont l-artikolu 2 tal-Att "uffiċjal awtorizzat" tfisser kull persuna li tkun kwalifikata kif imiss għas-sodisfazzjon tal-awtoritá tas-saħħa u r-regolament 9 tar-regolamenti tal-A.L. 265/2002 jipprovdi l-mod kif jittieħdu l-kampjuni minn uffiċjal awtorizzat.

**15.** Jirriżulta għalhekk manifest li l-ispezzjonijiet li jsiru fl-infurzar u fl-esekuzzjoni tal-Att dwar is-Sigurtá fl-ikel iridu jsiru minn uffiċjali awtorizzati u hekk ukoll il-kampjuni li jittieħdu għall-finijiet ta' tali infurzar iridu wkoll isiru minn tali uffiċjali awtorizzati.

**16.** L-ispezzjoniijiet li saru fil-fondi "Barvolento" u "Eden Court" saru minn Emanuel Buhagiar u Philip Camilleri bl-assistenza ta' uffiċjali tal-pulizija. Għalkemm jirriżultá li l-persuni msemmija huma uffiċjali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura taħt il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fil-kors kollu tal-proċeduri ma ġiet prodotta ebda prova li kienu persuni kwalifikati kif imiss għas-sodisfazzjon tal-awtoritá tas-saħħa kif jirrikjedi l-artikolu 2 tal-Att dwar is-Sigurtá fl-Ikel u għalhekk ma jirriżultax pruvat li kienu "uffiċjali awtorizzati" għall-finijiet tal-istess Att u r-regolamenti li saru taħt l-istess Att.

**17.** Jiżdied jingħad li anki kieku irriżulta li l-persuni msemmija kienu "persuni awtorizzati" għall-finijiet tal-Att u r-regolamenti relevanti hu ferm kwestjonabbli kemm ġew segwiti uħud mid-dettami tar-regolament 10[11] u dak meħtieġ mir-regolament 11 tal-A.L. 265/2002.

**18.** Il-premess iġib bħala konsegwenza li din il-Qorti ma tistax tagħti piż legali bħala prova lill-konklużjonijiet tal-espert analista Dr. Everaldo

[11] Fosthom tar-regolament 10(1)(e)(f)

Attard għall-finijiet tar-reati taħt l-Att dwar is-Sigurtá fl-Ikel u taħt ir-regolamenti magħmulin taħt l-istess Att in kwantu dawk il-konklużjonijet jirrigwardaw kampjuni li ma jirriżultax li ttieħdu konformement mal-istess Att u regolamenti. Għalhekk, apparti kull kunsiderazzjoni oħra dwar giex pruvat skont il-liġi l-għemil materjali tar-reati in kwistjoni, il-Qorti ma tistax legalment issib lill-imputati ħatja tat-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u għalhekk sejra tilliberhom minnhom.

**19.** Tenut kont tal-konklużjoni appena raġġunta dwar it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni ma hemmx ħtieġa li din il-Qorti tindirizza wkoll l-aggravji l-oħra fir-rigward tal-ħtija li sabet l-ewwel Qorti ta' dawn l-imputazzjonjiet.

**20.** Għalhekk, filwaqt li l-imputata appellanti ser tiġi liberata mill-imputazzjonijiet kollha, peress li ġia ġiet liberata mill-ewwel Qorti mill-ewwel żewġ imputazzjonijiet, jibqgħu għad iridu jiġu kunsidrati l-ewwel żewġ imputazzjonijiet għar-rigward tal-imputat appellant.

**21.** Rigward dawn l-ewwel żewġ imputazzjonijiet dawn jistrieħu fuq l-analisi li għamel l-espert analista fuq materjal li nstab f'barmil elevat mill-garaxx taħt ir-residenza ta' Simon Enriquez, iben l-imputata appellanti u ħu l-imputat, Eden Court, Triq San Lawrenz, San Lawrenz u l-kontenut ta' żewġ vasetti li ġew elevati mill-fond Barvolento, fi Triq it-Torri, San Lawrenz, Għawdex li hija r-residenza ta' l-imputata. Għall-finijet ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet l-esiġenzi dettaljati u stretti rikjesti għall-elevar ta' kampjuni għar-reati taħt l-Att dwar is-Sigurtá fl-ikel ma japplikawx u ma humiex legalment vinkolanti bħal ma huma għar-rigward ta' reati taħt dak l-Att. Il-Qorti hi sodisfatta li ma jirriżultawx ostakoli fattwali u legali li jipprekluduha milli tagħti affidament lill-kampjuni konsenjati lill-espert analista u lill-konklużjonijiet tal-istess espert analista wara l-analisi tiegħu ta' dawk il-kampjuni.

**22.** Mill-analisi li għamel, l-espert analista Dr. Everaldo Attard, ikkonkluda li l-kampjuni ta' għasel mill-vażetti bit-tikketta "Malta Honey" li ġew elevati mir-residenza ta' l-imputata appellanti "jixbħu" għasel fil-barmil elevat mill-garaxx taħt Eden Court u li kien indirizzat lill-imsemmi Simon Enriquez. Il-barmil in kwistjoni kien jindika li l-kontenut tiegħu kien għasel Sqalli. Jirriżulta wkoll li t-tiketti "Malta Honey" fuq iż-żewġ vasetti bl-għasel imsemmija għandhom stampat fuqhom "Gozo Specialities", Eden Court, St Lawrence Street, St. Lawrence, Gozo.

**23.** L-imputat xehed li huwa joqgħod f'Eden Court, Flat 3, San Lawrenz Street, San Lawrenz, Għawdex fejn kien ilu joqgħod sitt snin u li mal-fond "Barlovento" huwa ma għandu x'jaqsam xejn ħlief li l-fond huwa r-residenza tal-ġenituri tiegħu u jmur hemm biss biex iżurhom. In kwantu għan-negozu bl-isem "Gozo Specialities" huwa xehed li dan kien l-isem tan-negozju tiegħu u ta' ħuh u huwa l-isem li jużaw fuq it-tikketti[12]. Xehed ukoll li n-negozju jagħmluh fil-fond Eden Court u li fil-fond "Barlovento" ma għandhomx affarijiet tan-negozju tagħhom. Żied jgħid li huma kienu jimportaw l-għasel minn Sqallija u l-għasel li kienu hekk jimportaw kienu jimbottiljawh f'vażetti u jwaħħlulhom tikketta "Easy Honey". Meta jkollhom għasel ta' Malta jwaħħlu t-tiketta "Malta Honey". L-imputat xehed li ommu ma kellha x'taqsam xejn man-negozju tagħhom.

**24.** Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi din il-Qorti ma jirriżultawlhiex raġunijiet sufficjenti sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti u l-konklużjonijiet minnha milħuqa dwar l-ewwel imputazzjoni u għalhekk din il-Qorti ser tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-imputat appellant ta' din l-imputazzjoni.

**25.** Għar-rigward tat-tieni imputazzjoni, iżda, ma saret ebda prova li l-imputat "waħħal iffalsifikata jew mibdula, ċifra, kelma jew marka" kif

[12] Fol. 165

meħtieġ għas-sejbien ta’ ħtija ta’ din l-imputazzjoni u għalhekk din il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni wkoll.

Għall-motivi premessi l-Qorti:

(1) tirriforma s-sentenza appellata fil-konfront tal-imputata appellanti Michelina Enriquez billi tħassarha f’dik il-parti fejn sabet lill-istess imputata appellanti ħatja tat-tielet, ir-raba’ u tal-ħames imputazzjoni u minflok tiddikkjarha mhux ħatja tagħhom u tilliberha minn kull ħtija u piena dwarhom u tikkonfermha fil-bqija fejn tirrigwarda lill-istess imputata appellanti Michelina Enriquez u b’hekk ma ssibhiex ħatja tal-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tagħha u konsegwentement tilliberha għal kollox minn kull ħtija u piena u tilliberaha wkoll mir-responsabbilita li thallas solidament mal-imputat appellant l-ispejjez peritali ;

(2) tirriforma wkoll is-sentenza appellata fil-konfront tal-imputat appellant Jamie Charles Enriquez billi tħassarha f’dik il-parti fejn sabet lill-istess imputat appellant ħati tat-tieni, it-tielet, ir-raba’ u tal-ħames imputazzjoni u minflok tiddikkjarah mhux ħati tagħhom u tilliberaħ minn kull ħtija u piena dwarhom, iżda tikkonfermha fejn sabet lill-istess Jamie Charles Enriquez ħati tal-ewwel imputazzjoni u għall-ħtija tiegħu għal dak ir-reat tbiddel ukoll il-piena imposta mill-ewwel Qorti billi tikkundannah għal piena ta’ erbgħa xhur priġunerija minflok għall-perjodu impost mill-ewwel Qorti, b’dan li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali l-perjodu ta’ priġunerija msemmi ta’ erbgħa xhur qiegħed jiġi sospiż għall-perjodu ta’ sena u spjegat lill-imputat appellant bi kliem ċar ir-responsabbilitá tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu ta’ sena msemmi reat li għalih hemm piena ta’ priġunerija; u

(3) salv l-applikazzjoni ta’ kull dispożizzjoni legali oħra relevanti in materja ta’ konfiska,  tħassar ukoll l-ordni tal-konfiska li saret bis-saħħa tal-artikolu 46 tal-Kap. 449 peress li din il-qorti qed tillibera lill-imputati minn kull reat addebitat lilhom taħt dak il-Kap.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------